**61. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici jipproponi:-**

Illi din il-Kamra:

Filwaqt li tfakkar li Malta:

(a) ilha s-snin tappoġġja r-riżoluzzjonijiet tal-Ġnus Magħquda favur it-twaqqif ta' stat ħieles Palestinjan;

(b) kienet mill-ewwel pajjiżi li taw l-għarfien lill-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina bħala r-rappreżentanti tal-poplu Għarbi Palestinjan;

(c) għal numru ta' snin żammet ir-rappreżentanza diplomatika tal-Gvern Iżraelit fl-anqas livell u qatgħet għal kollox kull kummerċ mal-Iżrael;

- Ma tapprovax li proprju f'dawn il-ġranet Ambaxxatur ġdid tal-Gvern Iżraelit ippreżenta l-kredenzjali tiegħu lill-Gvern Malti fil-waqt li d-dinja kollha qiegħda tara b'sogħba l-kalvarju li l-poplu Għarbi Palestinjan qiegħed jgħaddi minnu f'dawn il-ġranet fl-artijiet maħkuma tal-Palestina;

- U taqta' li Malta ma għandha jkollha ebda rabta kummerċjali mal-Iżrael qabel ma l-Gvern Iżraelit jagħmel paċi ġusta mal-poplu Għarbi Palestinjan.

21.03.1988